**Stqarrija għall-Media**

11 ta' Ġunju 2025

**Malta Meqjusa Bħala Mudell għall-Ewropa fis-Saħħa u s-Sigurtá tal-Ħaddiema f'Konferenza Konġunta**

Malta ospitat konferenza importanti li laqqgħet flimkien il-European Network of Safety and Health Practitioner Organisations (ENSHPO), il-Malta Occupational Safety and Health Practitioners Association (MOSHPA), u l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (OHSA). Din il-konferenza ta' livell għoli li għaliha kien hemm rappreżentanza mis-17-il pajjiż Ewropew li jagħmlu parti mill-ENSHPO, enfasizzat l-impenn kollettiv għall-avvanz tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol madwar l-Ewropa.

Għal din il-konferenza, l-ENSHPO, li hija organizzazzjoni ddedikata biex televa l-kisbiet lokali fis-saħħa u s-sigurtà għal standard globali, sabet eżempju ċar f'Malta. Il-passi proattivi ta' Malta fil-protezzjoni tal-ħaddiema, b'mod partikolari r-regolamenti tagħha dwar is-sigurtà fil-kostruzzjoni u l-Istrument Amministrattiv (AI) 1 tal-2025 dwar persuni kompetenti, ġew imfaħħra u meqjusa bħala punt ta' riferiment għall-pajjiżi tal-ENSHPO. Dawn il-kisbiet, li ħafna pajjiżi akbar sabuhom ta' sfida biex jimplimentaw malajr, ġew integrati b'suċċess f'Malta, u permezz ta' dan, poġġew lil pajjiżna minn ta' quddiem f'dan il-qasam importanti.

Malta kompliet issaħħaħ ir-rwol ta' pijunier fis-settur tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol permezz tal-MOSHPA li użat il-konferenza bħala pjattaforma biex tħabbar il-ħruġ imminenti ta' Linji Gwida komprensivi għall-Project Supervisors għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq siti ta' Kostruzzjoni. Dawn il-linji gwida li se jinħarġu dalwaqt, huma maħsuba biex jikkumplimentaw ir-riformi leġiżlattivi eżistenti u l-Istrument Amministrattiv, u joħolqu ambjent ta' sigurtà komplet u effettiv ħafna. Din l-inizjattiva hija mfassla biex tkompli tgħolli l-istandards u tpoġġi lil Malta bħala eżempju għall-pajjiżi oħra Ewropej.

Il-konferenza għamlet ukoll enfasi fuq ir-rwoli indispensabbli tal-istandardizzazzjoni u t-taħriġ kontinwu fit-trawwim ta' postijiet tax-xogħol aktar siguri. Filwaqt li tenniet dan l-impenn, l-OHSA enfasizzat l-inizjattivi riċenti tagħha, inkluż it-tnedija ta' ċentru ġdid ta' taħriġ mill-aktar avvanzat u skema ta' apprendisti. Dawn l-investimenti juru kemm l-OHSA temmen fit-trawwim ta' nies esperti fis-suġġett u l-kompetenza fi ħdan il-professjoni tas-saħħa u s-sigurtà, filwaqt li jiżguraw forza tax-xogħol sostenibbli u kapaċi.

Il-kollaborazzjoni u d-diskussjonijiet b'suċċess matul din il-konferenza saħħew mingħajr ebda dubju l-pożizzjoni ta' Malta bħala 'leader' dinamiku fil-ħarsien tal-ħaddiem. Bl-implimentazzjoni proattiva ta' regolamenti stretti, il-ħruġ ta' linji gwida prattiċi, u l-investiment qawwi fit-taħriġ, Malta mhux biss qed tissalvagwardja l-forza tax-xogħol tagħha stess iżda qed isservi wkoll ta' ispirazzjoni għal pajjiżi oħra li qed jistinkaw għall-eċċellenza fis-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol. Il-linji gwida min-MOSHPA huma antiċipati li jkollhom rwol kruċjali f'dan l-impenn kontinwu għall-eċċellenza.

**Dr Jonathan Attard, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni**, għamel l-indirizz tal-ftuħ tal-konferenza, fejn enfasizza l-qafas li dejjem qed javvanza dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-

xogħol f'Malta, b'mod partikolari wara l-introduzzjoni tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol. Il-Ministru Attard irrimarka, "Huwa hawnhekk fejn Malta verament tibda tgħolli l-istandards u, nazzarda ngħid, tkun pijuniera anke fuq livell Ewropew. Il-pożizzjoni proattiva tal-OHSA fid-deskrizzjoni formali ta' dawn il-kriterji dettaljati u fit-twaqqif ta' mekkaniżmu għar-rikonoxximent professjonali f'dan il-qasam kritiku, safejn naf jien, m'hawnx bħalha fil-livell Ewropew. Din turi kemm qed inħarsu 'il quddiem fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà kif ukoll id-dedikazzjoni għall-eċċellenza f'dan l-istess qasam, li jien inkredibbilment kburi bihom."

Kompla jisħaq li t-titjib fil-kompetenza tal-professjonisti tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol f'Malta għandu jwassal għal inqas inċidenti fuq il-post tax-xogħol, tnaqqis fil-mard relatat max-xogħol, kif ukoll għal forza tax-xogħol aktar b'saħħitha u sigura.

Dr Jonathan Attard, iddeskriva l-inizjattiva bħala "blueprint għall-futur, wirt ta' progress, u impenn għal postijiet tax-xogħol aktar siguri għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin." Din l-istqarrija tiegħu tirrifletti d-determinazzjoni ta' Malta li tgħolli l-istandards tas-sigurtà u ssaħħaħ l-istatura professjonali tal-prattikanti tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

**Dr Josianne Cutajar, il-Kap Eżekuttiv tal-OHSA**, tenniet dan is-sentiment, u qalet li, "riforma vera u sostenibbli trid tkun fattibbli. Trid tkun ibbażata fuq l-evidenza. U aktar min hekk, trid tkun ta' kulħadd. Dak kien il-mod kif Malta kienet kapaċi tilħaq kunsens u timplimenta regolamenti ġodda w ambizzjużi fi żmien rekord. Dan kien possibbli għax emminna fil-poter tad-djalogu soċjali. U rajna li meta kulħadd ikollu vuċi, kulħadd ikollu sehem fis-suċċess. Din il-konferenza hija aktar minn tragward. Hija l-istedina ta' Malta għall-ambjent internazzjonali. Hija stqarrija li aħna mhux biss lesti li nitgħallmu, imma lesti wkoll li mmexxu."

**Is-Sur Francesco Santi, President tal-ENSHPO**, spjega kif l-ENSHPO taħdem biex ittejjeb is-sigurtà fuq ix-xogħol u l-istandards tas-saħħa madwar l-Ewropa permezz tal-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien fost il-professjonisti. "L-ENSHPO tiġbor flimkien professjonisti biex jaqsmu l-għarfien u l-aħjar prattiċi, filwaqt li trawwem kultura ta' sigurtà u titjib kontinwu. L-inizjattivi tal-ENSHPO għandhom l-għan li jtejbu s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol f'ambjent lokali biex b'hekk imbagħad jpħolqu effett li jippromwovi l-istandards u l-prattiċi b'mod globali. Nixtiequ nestendu l-gratitudni tagħna lejn il-MOSHPA u l-OHSA għal din l-inizjattiva importanti u għall-azzjonijiet li ħadu," qal is-Sur Santi.

**Il-President tal-MOSHPA, is-Sur George Steve Darmanin**, ħabbar it-tnedija li tal-ewwel Linji Gwida ta' Malta għall-Project Supervisors għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq Siti ta' Kostruzzjoni. "Dawn il-Linji Gwida huma l-ewwel tax-xorta tagħhom fuq livell nazzjonali," qal is-Sur Darmanin, "imma m'għandhomx ikunu l-aħħar. Qed nibdew bis-settur tal-kostruzzjoni għax dak hu fejn il-bżonn hu l-aktar urġenti — imma wasal iż-żmien li l-professjonisti mis-setturi tal-manifattura, l-ospitalità, il-kura tas-saħħa, u s-setturi l-oħra kollha jingħaqdu magħna fit-tiswir tal-futur tas-saħħa u s-sigurta' ibbażat fuq il-kompetenza, l-etika, u gwidi prattiċi."

Il-konferenza kienet indirizzata wkoll minn Dr Luke Fiorini mill-Università ta' Malta u mis-Sur Roberto Sammarchi mill-ENSHPO. Dan kien segwit b'diskussjoni dinamika minn panel ta' esperti ewlenin li tkellmu dwar il-professjonalizzazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Il-konferenza kkonkludiet b'sessjoni ta' netwerking, li ssaħħaħ l-ispirtu kollaborattiv u d-dedikazzjoni kondiviża għall-avvanz tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol kemm f'Malta kif ukoll lil hinn minnha.

**Noti għall-Edituri:**

**Dwar l-ENSHPO:** Il-European Network of Safety and Health Practitioner Organisations hija organizzazzjoni umbrella li tgħaqqad l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tas-saħħa u s-sigurtà professjonali madwar l-Ewropa, trawwem il-kooperazzjoni u tippromwovi l-aħjar prattiċi.

**Dwar IL-MOSHPA:** Il-Malta Occupational Safety and Health Professionals Association (MOSHPA) hija ddedikata biex tavvanza l-professjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol f'Malta permezz tal-edukazzjoni, ir-riċerka, u l-promozzjoni.

**Dwar l-OHSA:** L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (OHSA) hija l-entità nazzjonali responsabbli biex tiżgura postijiet tax-xogħol siguri u b'saħħithom f'Malta, impenjata biex tinforza r-regolamenti u tixpruna titjib kontinwu fis-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

- TMIEM -